MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 51/2003/1

**Dr. Giannella Caruana Curran**

**vs**

**1. Stephen Chetcuti**
**2. Frank Theuma**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Lulju 2004, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz mahrug mill-attrici fl-21 ta' Jannar, 2003 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti illi prevja d-dikjarazzjoni ta' din il-Qorti illi l-artiklu "Support for Chief Justice" ippubblikat fil-harga ta' "The Malta Independent" tal-4 ta' Dicembru, 2002 (Dok. A), li tieghu intom l-editur registrat u l-awtur rispettivament, huwa libelluz u

malafamanti fil-konfront tal-attrici u jesponiha ghad-disprezz tal-pubbliku; u

Jhallsu lill-attrici dik is-somma li tiffissa l-istess Qorti bhala danni ghall-malafama b'applikazzjoni tal-Art. 28 tal-Ligi Dwar l-Istampa (Kap. 248).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Frank Theuma fejn eccepixxa illi:

1. Illi t-talbiet ta' l-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante illi l-artikolu fl-avviz odjern mhux libelluz u malafamanti u in oltre ma kienx hemm l-'animus iniurandi' kif ser jigi dettaljatament spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi l-konvenut Stephen Chetcuti baqa' volontarjament kontumaci.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-ittra li tat origini ghal din il-kawza giet ippubblikata fil-'Malta Independent' tal-4 ta' Dicembru, 2002, liema ittra kienet intitolata "Support for Chief Justice". L-attrici dehrilha li minkejja illi hi ma kinitx imsemmija direttament saret referenza ghall-kawza li fiha kienet involuta u l-operat taghha gie deskritt bhala dizonest u frawdolenti. Il-fatt li l-attrici ma kinitx imsemmija direttament ma jfissirx li hi ma setghtetx tistitwixxi kawza ta' libell jekk min jaqra l-artiklu seta' jiddentifikah maghha.

F'kawza rapportata mill-awtur Geatly, Lable and Slander liema kawza igib l-isem Bruce vs Oldams Press Limited 1935 KB 697 inghad:

“The question is whether the libel designates the plantiff in such a way as to those who know him understand that he was the person meant…. There is abundant authority to show that it is not necessary for anyone to know to whom the article refers; this wound in many cases be an impossibility; but if in the opinion of the jury a substantial number of persons who knew the plaintiff on reading the article, wound believe that it refers to him, in my opinion an action assuming the language to be defamatory can be maintained.” (8$^{th}$ edition 1981 page 280 et seq.).

Il-Qorti m’ghandha l-ebda dubbju illi min kien jaf lill-attrici u qara l-artikolu seta’ abbina dak illi inghad b’referenza ghaliha. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-attrici bid-dritt kollu setghet tistitwixxi din il-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi ghal dak li jirrigwarda l-meritu, l-konvenut qieghed jghid illi meta kiteb dak l-artikolu huwa kien qieghed biss jesponi l-fehmiet tieghu b’mod generali ghall-proceduri illi jsiru l-Qorti u specifikament dwar certi kawzi u r-rizultat taghhom. Qal illi ma kienx dirett personalment kontra l-attrici.

Il-Qorti tara din id-dikjarazzjoni b’kuntrast ma’ dak illi xehed quddiem il-Qorti meta fil-kontro-ezami fost affarijiet ohra jghid “ Pero’ mistoqsi mid-difiza fejn jiena ghidt *“His defence council was practising disonesty and deceit…”* lil min kont qed nirreferi nikkonferma li hawnhekk kont qed nirriferi ghad-difiza tieghu u cioe’ l-attrici.”

In sostanza l-konvenut Theuma qieghed jghid b’aktar mod kategoriku illi l-attrici, bhala avukat tad-difiza kienet qeghda taggixxi b’mod dizonest u frawdolenti. Mehud in konsiderazzjoni l-assiem ta’ l-ittra ma hemmx dubbju illi dan huwa l-messagg illi l-konvenut Theuma ried iwassal, liema messagg wasslu b’mod kategoriku bl-istess xhieda tieghu. Ovjament il-Qorti ma tistax titollera illi persuna illi tkun qeghda taqghdi dmirha aktar u aktar bhala ufficjal tal-Qorti tigi mghajra b’dan il-mod b’konsegwenzi serji ghar-reputtazzjoni u l-unur taghha.

L-imputazzjoni maghmula minn Theuma ma tahbi xejn u l-qarrej ta' intelligenza ordinarja ma ghandhux wisq x'jahseb biex jabbina dak illi nghad mall-attrici, fejn allura dana ser ikollu stampa mill-aktar odjuza ta' avukat illi jaggixxi bil-mod kif deskritt mill-konvenut, Theuma.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi ghal dak li jirrigwarda l-awtur ma ghandhix dubbju illi l-ittra hija libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attrici. Il-kwistjoni ta' l-editur, il-konvenut l-iehor Stephen Chetcuti ukoll trid tigi indirizzata minn din il-Qorti. Minkejja illi huwa volontarjament kontumaci, ppretenda illi jiggustifika l-agir tieghu billi jipprezenta nota fejn qal illi l-ittra giet ippubblikata ad *in saputa* tieghu.

Forsi l-konvenut Chetcuti ma fehemx x'verament tfisser illi tkun kontumaci.

Ikkunsidrat:

Illi l-kelma kontumacja gejja mill-Latin "Contumelia" li tfisser insult. L-istitut tal-kontumacja hija deskritta ahjar f'kawza deciza mill-Appell fil-21 ta' Mejju, 1993 fl-ismijiet ta' Joseph Vella noe vs John Vella, fejn qalet li l-kontumacja " …. Huwa bazat fuq il-presuppost li l-konvenut bin-nuqqas tieghu wera contumelia u dispett ghas-sejha tal-Qorti. Meta huwa gie konvenut fl-avviz, citazzjoni, rikors, libell jew petizzjoni u hija din id-dizubbidjenza animata psikoligikament b'dawk il-fatturi ta' contumelia u dispett li l-ligi trid tirreprimi u timponixxi. In kwantu contumelia bhal dik hi element ta' disordni socjali. Dan gie ricentement ribadit minn din il-Qorti (Sede Civili) fis-sentenza taghha tal-14 ta' Jannar, 1993 fl-ismijiet Pauline Grech noe vs Nazzareno Zammit."

Ghalhekk il-konvenut, Chetcuti bl-agir tieghu wera dispett lejn il-Qorti meta ghogbu li ma jwegibx u minflok li almenu jaghti spjegazzjoni l-ghala ghamel dan jew inkejja b'xi mod juri d-dispjacir tieghu ghal pubblikazzjoni tal-artiklu. Dana pero' minn dan kollu ma ghamel xejn u ppretenda li jiggustifika kollha bil-kontumacja biss. Dan fl-opinjoni tal-Qorti dana mhuwiex bizzejjed.

Fil-kawza <u>Pulis vs Peter Bradle </u>(Vol. XXXIII part 4 pg 645) il-Qorti qalet:

“That distributor of printed matter is equally guilty of the crime as the author thereof. For it is incorrect to say that only the author or the originator of the spoken words or the author of the written words is guilty of defamation. Therefore a person who puts into circulation defamatory matter on paper or in print is likewise guilty of defamation …. For the person who circulates such books must necessary have wanted the consequences of his actions.”

Naturalment f’dan il-kaz m’ghandnix kotba pero’ ghandna ittra li giet ippubblikata ghal konsum generali. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi hawn ukoll Stephen Chetcuti bhala editur responsabbli tal-gazzetta ghandu jigi misjub responsabbli ghad-danni flimkien mal-konvenut Frank Theuma.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-talba ta’ l-attrici. Tiddikjara illi l-artikolu “Support for Chief Justice” ippubblikat fil-harga ta’ “The Malta Independent” tal-4 ta’ Dicembru, 2002, illi tieghu Stephen Chetcuti huwa l-editur registrat u Frank Theuma awtur rispettivament huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tal-attrici u esponiha ghad-disprezz tal-pubbliku; u

Tikkundanna lill-konvenut Frank Theuma li jhallas is-somma ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) u lill-konvenut Stephen Chetcuti s-somma ta’ tlett mitt lira Maltin (Lm300) bhala danni b’applikazzjoni tal-artikolu 28 tal-Ligi ta’ l-Istampa.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, li ghandhom jithallsu nofs kull wiehed.”

Il-konvenut Frank Theuma appella minn din is-sentenza bl-aggravji f’ dawn it-termini:-

(1) Huwa dritt tieghu ta’ l-espressjoni li jesprimi l-opinjonijiet tieghu fil-konfront ta’ kwalunkwe professjoni anke ghaliex, fil-fehma tieghu, hadd ma jista’ jghid li avukat fl-operat tieghu hu immuni minn kwalunkwe kritika jew anke gudizzju negattiv;

(2) Fih kien jonqos l-*animus iniurandi* personali lejn l-attrici. Huwa jsostni li kien qed jinsisti fuq il-punt tieghu tal-moralita` ta’ l-avukatura in generali u barra minnhekk li jesprimi opinjoni tieghu;

(3) L-ammont tad-danni likwidati huwa eccessiv fil-kwadru tac-cirkostanzi tal-kaz;

Il-fatti li taw lok ghall-azzjoni jinsabu sew esposti fis-sentenza appellata u mhux il-kaz li dawn jergghu jigu hawn replikati. Bizzejjed li jigi rilevat li *ex admissis* l-appellanti jaccetta li hu kien jaf li d-difiza ta’ Dr. Patrick Spiteri kienet qed titmexxa mill-attrici u jaccetta wkoll illi meta kiteb “*his defence council was practising dishonesty and deceit*” kien qed jirreferi ghall-attrici. Ara kontro-ezami tieghu a fol. 26;

Stabbilit il-premess, il-Qorti ser tghaddi biex tikkonsidra s-singoli aggravji fl-ordni li gew prezentati;

1. Indubitament, ma jista’ qatt ikun negat illi d-dritt ta’ l-espressjoni huwa dritt konstituzzjonalment u konvenzjonalment imhares. Kif drabi ohra nghad: “Id-dritt ta’ l-espressjoni libera hija r-regola skond il-Kostituzzjoni u l-limitazzjoni ghal dan id-dritt skond il-ligi ta’ l-istampa hija l-eccezzjoni. L-interferenza tad-dritt ta’ l-espressjoni libera ghandu jkun ristrett ghal minimu f’ socjeta` demokratika jekk verament dawn id-drittijiet fondamentali jridu jigu preservati” - “**Onor. Dr. Philip Muscat -vs-Victor Camilleri *et***”, Appell Civili, 19 ta’ Mejju 1995;

Haga naturali pero` biex il-konvenut jiddefendi ruhu bl-invokazzjoni ghal dan id-dritt fondamentali kien mehtieg li jigi stabbilit jekk il-konvenut kienx jew le ezercita dak id-dritt b’ mod kostituzzjonalment u konvenzjonalment

legittimu. Dan anke ghaliex dawn l-istess ligijiet - Artikolu 41 (2) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 10 (2) tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319) - jipprovdu wkoll illi l-ezercizzju tad-dritt invokat igib mieghu dmirijiet u responsabilitajiet; *inter alia*, il-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' haddiehor;

Koncettwalment, il-kritika tikkonsisti certament f' atteggjament psikologiku-razzjonali li jimplika l-ezami ta' l-opinjonijiet jew ta' l-imgieba ta' haddiehor u ghalhekk spiss twassal ghal formulazzjoni ta' gudizzju necessarjament soggettiv. Haga logika biex dik l-istess kritika ma taqax taht is-sanzjonijiet tal-ligijiet trid necessarjament tinzamm fil-limiti gusti ghax inkella jekk il-kittieb jitbieghed minn dawn l-istess limiti u lil dak li jkun, mira tal-kritika tieghu, jattribwilu interessi dizonesti, allura l-kitba titraxxendi fil-malafama u titqies libelluza.

Fil-bran li jsegwi estratt mis-sentenza tal-**Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (15 ta' Jannar 2002, numru 370)** kif riportata fil-"Codice Civile, Annotato con la Giurisprudenza", Seconda Edizione, Giuffre Editore, 2002, jinghad dan:-

"*Il diritto di critica (da distinguersi dal diritto di cronaca che non si concreta in un giudizio soggettivo, ma nella sola narrazione di fatti), allorche implichi un giudizio di disvalore, idoneo ad incidere sulla reputazione e sul prestigio professionale della persona nei cui confronti la critica e` rivolta, e` condizionato, quanto alla legittimita` del suo esercizio, all' osservanza del limite della continenza, il quale viene in considerazione non solo sotto l' aspetto della correttezza formale dell' esposizione, ma anche sotto il profilo sostanziale consistente nel non eccedere i limiti di quanto strettamente necessario per l' appagamento del pubblico interesse e postula che il giudizio di disvalore incidente sull' onore e sulla reputazione sia espressa non in termini assiomatici ma accompagnato da congrua motivazione. L' inosservanza di siffatti limiti rende inapplicabile la scriminante e obbliga l' autore del fatto al risarcimento dei danni.*";

Konsimilment ghar-ragonament propunjat mill-ewwel Qorti, din il-Qorti ma ssibx illi l-appellanti zamm ruhu f' dawn il-limiti gusti. Jidher kristallin mill-kontenut ta' l-ittra tieghu illi l-motiv singolari tieghu kien dak li jiddifama lill-attrici b' attribuzzjonijiet ta' dizonesta u kondotta qarrieqa. Skond il-**Gatley** ("On Libel and Slander", Seventh Edition, pagna 62) b' ezemplari mehuda minn decizjonijiet tal-Qrati Inglizi "*it is defamatory to publish of a solicitor that he has been guilty of 'sharp practice' in his profession, or a breach of professional confidence, or other disreputable, dishonest, or incompetent conduct.*" B' mod impressjonanti dan ighodd ukoll fil-kaz in diskussjoni anke ghaliex, kif sottomess mill-appellata fir-risposta ta' l-appell taghha, il-kliem inkriminanti ta' l-ittra, aktar 'il fuq senjalati, "jaqbzu kull limitu ta' decenza". L-ewwel aggravju fuq dan il-punt ma jistax ghalhekk jircievi favur;

2. Riferibilment ghat-tieni aggravju, hi regola li l-intenzjoni hi dik li tidher apparenti mit-tifsira naturali u ordinarja tal-kliem. L-interpretazzjoni li l-kittieb intenda li l-kliem kellhom jigu mifhuma tista' tkun materjali relattivament ghal kwestjoni tal-kwantum tad-danni, imma hi mmarterjali ghal finijiet tad-determinazzjoni jekk il-kliem humiex, jew le, diffamatorji. Il-kwezit veru mhux dak ta' x' kienet l-intenzjoni tal-konvenut appellant imma x' jifhem il-qarrej meta jaqra' dawk il-kliem. Kif jinghad mill-**Gately** (*op. cit.* pagna 87), "*the question is not what the writer of an alleged libel means but what is the meaning of the words he has used. It is not the defendant's intention, or the meaning in his own mind, that makes the sense of a libel, but what was the meaning and inference that would naturally be drawn by reasonable and intelligent persons reading it*.";

Dan it-test sab l-adezjoni tal-Qrati taghna f' bosta decizjonijiet. Hekk gie ritenut illi "*quando l' espressione adoperata suona, nel senso comunemente usato, ingiuria, non è necessario rintracciare l' 'animus injuriandi'*" (**Kollez. Vol. XXV P IV p 912**). Ghall-finijiet ta' l-ingurja huwa bizzejjed li wiehed ikun jaf li dak li qieghed jigi

divulgat jista' jaghmel hsara bir-reputazzjoni ta' haddiehor (**Kollez. Vol. XXXIII P I p 450**);

Issokta jigi precizat illi "f'materja ta' libell mhux importanti li wiehed jara x' kellu f' rasu min kiteb artikolu ingurjuz f' gurnal ghax l-importanti hu li wiehed jara x' jifhem ic-cittadin ordinarju ta' intelligenza normali meta jaqra l-artikolu nkriminat" - "**Avv. Dr. Joseph Desira Buttigieg -vs- Emmanuele Cossai *et***", Appell Kriminali, 29 ta' Novembru 1958; "**Wenzu De Brincat -vs- Dr. Carmelo Caruana**", Appell Kriminali, 15 ta' Gunju 1957;

Attizi s-suesposti enuncjazzjonijiet anke dan it-tieni aggravju qed jigi michud;

3. Kwantu ghall-ahhar aggravju din il-Qorti tistqarr illi fil-kumpless tal-kaz, tenut rigward tan-natura ta' l-ingurja u assenza ta' apologija, mhix lesta tippropendi versu s-sottomissjoni ta' l-appellanti illi d-danni likwidati fil-konfront tieghu huma eccessivi. Pjuttost l-invers huwa l-kaz meta din il-Qorti taghmel raffront ma' certi decizjonijiet ricensjuri u ohrajn tal-passat. Ma ngieb l-ebda argument sodisfacenti ghall-mitigazzjoni taghhom. Dan l-aggravju qieghed ghalhekk ukoll jigi respint.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tichad l-appell interpost u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza jitbatew mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------